TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 41/17/F

**Melanie Sarcia u Mark Cachia**

**vs**

**Peter Farrugia**

Illum 14 ta' Novembru, 2017

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-17 ta' Frar, 2017 fejn ir-rikorrenti talbu rifużjoni tlett elef u ħames mitt ewro (€3,500), rappreżentanti prezz li ħallsu għall-bibien illi wara ċertu żmien li ġew ikkonsenjati, baqgħu bil-problemi.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba, minkejja li attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa l-istess intimat, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew illi huma kienu ordnaw għamara mingħand l-intimat u tawh ammont ta' flus konsiderevoli sabiex ilesti dan ix-xogħol. Illi minkejja li għadda żmien mhux ħażin, xorta ma lestiex ix-xogħol li kien ordnat.

It-Tribunal, tah żmien sabiex jipprova jlestihom sas-seduta tal-11 t'April, 2017, pero' meta reġgħu dehru fis-seduta tal-25 ta' Lulju, 2017, dawn ma kinux għadhom ikkonsenjati u l-bibien kienu ta' kwalita' inferjuri ħafna.

L-intimat issottometta li kellu ħafna problemi u ma setax ilesti x-xogħol, pero' xorta determinat li jlesti x-xogħol.

It-Tribunal, jinnota li tah biżżejjed żmien sabiex ilesti x-xogħol u dan m'għamlux, u illi dak li lesta kien ta' kwalita' inferjuri.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti s-somma ta' tlett elef ewro (€3,000), u bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888